# Minuti ta' l-Erbgħa u Sittin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur
# Nhar it-Tlieta, 25 t' April 2011 fis-7: 30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier (wasal fis-7:45) |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 63 u minuti tal-laqgħa tal-lokalita' ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Konferenza ta' l-EDEN.** Saret il-konferenza ta' l-EDEN fil-Mellieħa. Waqt din il-konferenza d-delegazzjoni internazzjonali żaru n-Nadur peress li n-Nadur huwa rebbieħ ta' dan il-premju. Il-Kunsill tan-Nadur laqa' lid-delegazzjoni fi Ġnien il-Kunsill fejn ingħataw refreshments. Id-delegazzjoni ġiet indirizzata mill-Onor. Segretarja Parlamentari Chris Said u s-Sindku. Is-Sindku rrimarkat dwar il-fatt li l-kunsilliera ma attendewx għall-attivita u qalet ukoll li huwa unur kbir li tkun EDEN destination. Il-Kunsill għandu jinkludu l-logo ta' l-Eden kemm jista' jkun f'kull korrispondenza u materjal li jirriproduċi f'ismu.

4. **Restawr tas-Salib tal-Pjazza.** Ix-xogħol ta' restawr fuq is-Salib tal-Pjazza għandu jitlesta fi żmien ħmistax. Waqt ix-xogħol tar-restawr il-kuntrattur sab 4 dati mnaqxa fuq is-salib li huma "1719". Hemm bżonn li tinbidel ġebla waħda minn t'isfel peress li din hija miksura. Għandhom isiru bollards madwar is-salib sabiex jiġi protett minn inċidenti tat-traffiku. Il-perit għandu jiddentifika it-tip ta' bollards li għandhom isiru sabiex fi żmien ta' l-Imnarja dawn ikunu jistgħu jitneħħew minħabba l-palk. Il-Kunsilliera qablu li s-salib għandu jiġi imbierek mill-arċipriet Jimmy Xerri u nawgurat mis-Segretarju Parlamentari Chris Said meta jitlesta. Id-data ta' meta ser issir iċ-ċerimonja għadha trid tiġi deċiża.

5. **Measure 313.** Il-Kunsill qed jimla l-applikazzjoni taħt il-Measure 313 "European Agricultural Fund for Rural Development" għal "setting up of trails that interlink various sites of touristic value". L-applikazzjoni ser tkun għall-passaġġ tal-bajja ta' San Blas. Il-Kunsillera qablu li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi.

6. **Triq il-Madonna ta' Lourdes.** Is-sinjali sofor quddiem residenza 19 Triq il-Madonna ta' Lourdes ġew approvati mit-Transport Malta.

7. **EKO Għawdex.** Il-Kunsill ħareġ l-offerti inkonnessjoni mal-offerti tal-proġett ta' Eko Għawdex. Dawn jagħlqu fit-30 ta' Mejju 2011.

8. **Imnarja 2011.** Għandha ssir laqgħa tas-sotto kumitat ta' l-Imnarja il-gimgħa d-dieħla sabiex jsiru l-preparamenti għall-attivitatjiet organizzati mill-Kunsill. Glen Vella ġie mistieden mill-Kunsill biex jieħu sehem fl-Ikla Tradizzjonali ta' l-Imnajra. Hu talab €200 għall nofs siegħa. Il-Kunsill approva dan il-ħlas.

9. **Korsijiet.** Il-Kunsill ġie avviċinat minn persuna li jagħmel kors tal-YOGA. Hu talab ħlas ta' €55 għal kull persuna għal għaxar lezzjonijiet ta' siegħa u nofs. Il-Kunsill għandu jagħmel avviż fil-gazzetta tal-Kunsill li se toħroġ f' Ġunju.

10. **Riċiklaġġ ta' ħwejjeġ.** Saret laqgħa ma' rapprezentant ta' Electro Waste Malta Ltd. dwar riċiklaġġ ta' ħwejjeġ. Għandhom ikellmuna meta jkun ser jibda dan is-servizz sabiex ninfurmaw lir-residenti tan-Nadur. Maria Natoli talbet sabiex nistaqsu lil din il-kumpanija hemmx xi tip ta' riċiklaġġ ta' mediċini skaduti.

11. **Korrispondenza.**

(2919) Ittra minghand Maria Natoli dwar li ser tkun indisposta ghal laqgha tal-Kunsill
(2920) Ittra minghand Dr Angele Formosa dwar l-Audit
(2921) Quotation minghand Richard Cauchi ghas-Slaleb tal-Pjazza San Pietru u San Pawl
(2922) Ittra minghand Kummissjoni Festi Esterni fuq Seminar dwar il-Volontarjat fil-festi Ghawdxin
(2923) E mail minghand Frendo Silvio dwar tender no.NLC08/2010- 'Tender for the collection of mIxed household waste'
(2924) E mail minghand MEPA dwar UIF statement of Funds
(2925) Draft programme ta' l-EDEN
(2926) E mail minghand Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar memo 21/2010 Skema ta' Finanzjament ghal Restawr ta' Postijiet storici zghar
(2927) E mail minghand green Mt dwar recycling bins ghal-hwienet tan-Nadur
(2928) Ittra minghand YMCA dwar ringrazzjament ta' l-ikel u prodotti li ingabru mir-residenti gol-Kunsill
(2929) Ittra minghand il-MEPA dwar l-iskate park fi Triq Xandriku
(2930) Ittra minghand l-Iskola Primarja tan-Nadur dwar il-Musical Annie
(2931) Acknowledgement minghand il-MEPA dwar ir-restawr tas-salib tal-Pjazza
(2932) Stedina minghand l-Arcipriet dwar inawgurazzjoni ta' rampi fic-cimeterju
(2933) Ittra minghand l-Arcipriet dwar biex tinghata no objection ghal-attivitajietiet marbutin mal-festi fil-gimghat li gejjin
(2934) Memo 24/2011 dwar mistoqsija parlamentari no.24446
(2935) Memo 22/2011 dwar mistoqsija parlamentari no.24523
(2936) Memo 23/2011 dwar mistoqsija parlamentari no 24458
(2937) kwotazzjoni minn Glen Vella biex jiehu sehem fl-Ikla tradizzjonali
(2938) Acknowledgement minn Transport Malta dwar traffic management fi Triq Piju Cellini u Lazru Pisani.
(2939) Ittra mill-National Archives dwar sett ta' kartolini fl-okkazjoni tat-tifkira.
(2940) Email minghand Galea Curmi dwar installazjoni ta' bozza fi Triq Frangisk Attard
(2941) Email minghand Ruben Said (Transport Malta) dwar speed hump fi Triq Bingemma
(2942) Email minghand Stephan Riolo dwar hsarat fil-pumpa ta' San Blas
(2943) Email minghand it-Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq il-Madonna ta' Lourdes
(2944) Memo 29/2011 Stemmi Godda Kumitati Regjonali u Kumitati Amministrattivi
(2945) Memo 30/2011 Korrispondenza lid-Dipartiment
(2946) Memo 31/2011 Mistoqsija Parlamentari Numru 25174
(2947) Memo 32/2011 Mistoqsija Parlamentari Numru 25420
(2948) Memo 33/2011 Mistoqsija Parlamentari Numru 25421
(2949) Memo 34/2011 Monitoragg tal-Uzu tas-Sistema tal-Customer Care
(2950) Memo 35/2011 Sit Elettroniku tad-Dipartiment
(2951) Memo 36/2011 Rapporti Pubblici fuq www.lc.gov.mt
(2952) Memo 37/2011 – Template tal-Iskeda tal-Hlasijiet

12. **Patt tas-Sindki.** Il-Kunsill irċieva email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-parteċipazzjoni tas-Sindki fil-Patt tas-Sindki. Ir-reġjun ta' Għawdex ħa deċiżjoni illi l-Kunsilli Lokali ta' Għawdex jissiehbu fil-Patt tas-Sindki. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill tan-Nadur għandu jissotttmetti l-ittra (applikazzjoni) tiegħu biex ikun membru.

13. **Bejgħ ta' pjanti.** Il-Kunsill irċieva talba għall-permess mill-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 biex bħas-snin preċedenti jagħmel attivita ta' fund raising mill-Gimgħa 6 ta' Mejju sal-}add 8 ta' Mejju. Din l-attivita tikkonsisti minn bejgħ ta' xtieli fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Il-Kunsill approva dan il-permess.

14. **Miżuri ta' Traffiku.** Il-Kunsill irċieva acknowledgement dwar *street calming* fi' Triq il-Knisja kantuniera ma Triq Piju Cellini. Inġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn ta' *street calming* fil-kantuniera ta' Triq Diċembru 13/ Triq it-Tramuntana u Pjazza San Pietru u San Pawl. Inġibed l-attenzjoni wkoll li qed ikun hemm karrozzi pparkjati fi Triq il-Knisja faċċata tal-ħanut American Bar. Dan il-parking qed ikun ta' periklu.

15. **Gwardjani Lokali.** Il-Kunsill irċieva lmenti dwar taħrikiet li residenti tan-Nadur rċievew meta marru biex jużaw l-open skips. Charles Said qal li it-tabella li hemm mhux adekwat. Is-Sindku fakkret li l-kliem li ntuża fuq it-tabella kien ġie approvat waqt laqgħa tal-Kunsill. Barra t-tabella l-Kunsill bagħat notifika f'kull dar dwar l-użu ta' l-iskips (x'jista jintremma). Dan l-avviż għandu jerġa jidher fin-newsletter li jmiss. Charles Said talab biex isiru tabelli bil-Malti u bl-istampi. Saret diskussoni dwar il-Green Wardens u għandhomx jibqgħu jiġu n-Nadur. Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li l-Iskips kienu qegħdin jimtlew b'skart kummerċjali u dawn qed jiġu jiswew eluf ta' ewros lill-Kunsill u għalhekk ntalbu li jiġu l-Green Wardens. Charles Said qal li n-nies ser jibdew jarmu fil-widien. Meta ġie avviċinat minn persuna f'din iċ-ċirkostanza huwa ħass li ma kellux risposta x'jagħtih. Wara diskussjoni taħraq is-Sindku talbet lill-Kunsilliera għandhomx jitwaqqfu milli jiġu n-Nadur il-Green Wardens. Ħadd mill-Kunsilliera ma wieġeb fil-posittiv. Il-Green Wardens qegħdin jagħtu citazzjonijiet lill-persuni li jkollhom klieb li ma jkunux marbutin u li ma jnaddfux wara l-klieb tagħhom. Il-Kunsill għandu jitlob lil Green Wardens sabiex jagħtu "warnings" fejn l-open skips. Fil-każi fejn diġa ngħataw taħkiriet mhux ġusti lill-persuni meta kienu qegħdin jarmu skart fl-open skips, il-Kunsill għen lil dawn il-persuni biex għamlu petizzjoni.

16. **Playing Field tal-Hali.** Il-Kunsill irċieva email mingħand tifel tal-Year 4 dwar użu ta' roti fil-playing field tal-Ħali. Dan it-tifel ġibed l-attenzjoni li r-roti qed ikunu ta' periklu għat-tfal żgħar li jkunu jilagħbu. Hu talab biex il-Kunsill jagħmel passaġġ fejn ir-roti jistgħu jgħaddu. Il-Gwardjani Lokali (Green wardens) ukoll ġibdu l-attenzjoni lis-Sindku li qed ikun hemm nies bir-roti fil-ġonna fejn hemm indikat li ma jistgħux jidħlu roti. Il-Green Warden informaw lis-Sindku li dawn ikunu jistgħu jitwaqfu minn Gwardjani Lokali bl-uniformi. Charles Said ma qabilx ma dan. Il-Kunsill għandu jagħmel iżjed tabelli li jindikaw li r-roti mhux permess fil-ġonna.

17. **Dawl fit-Toroq.** Il-Kunsill irċieva approvazzjoni għal bozzoz ġodda fi Triq Ta' }ida u fi Triq San Blas. L-approvazzjoni ta' bozza fi Triq Frangisk Attard għadha ma ġietx approvata.

18. **Speed Hump.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand it-Transport Malta dwar l-installazzjoni ta' speed hump fi Triq Bingemma. Din ma saritx peress li l-kunsill irċieva diversi lmenti mingħand residenti ta' triq biex ma sirx għaliex hemm problema ta' l-ilma tax-xita. Il-Kunsill iddeċieda biex jitlob lit-Transport Malta biex jiddentifika sit differenti għas-speed hump fl-istess triq.

19. **Rdum.** Il-Kunsill reġa' irċieva lmenti dwar l-istat tat-triq fl-Irdum (it-triq fejn hemm il-parking bay ta' San Blas). Dawn il-ħsarat qed isiru minħabba l-kanni tad-drenaġġ li saru. Il-Kunsill ser jerġa jibgħat dawn l-ilmenti lid-dipartiment tad-drenaġġ.

20. **Mayfair.** Il-kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jfakkar il-ħamsin anniversarju mil-mewt ta' Dun Karm Psaila. Is-Sindku ssuġġeriet li jsir qari tal-poeżija minn tiegħu waqt il-Mayfair nhar is-Sibt 7 ta' Mejju. Charles Said issuġġerixxa li l-qari jsir mill-kitieb Charlie Bezzina. Charles Said għandu jkellem lis-Sur Bezzina.

21. **Attivitajiet Sportivi.** Il-Kors ta' Girls on the Move temm iżda l-parteċipanti talbu biex il-kors jitkompla. Il-Kunsilliera qablu li għandu jitkompla bil-ħlas ta' €1 kull parteċipant kull lezzjoni. Il-Kunsill jisponsorja l-kumplament ta' l-ispejjes.

22. **Bankini.** Il-Kunsilliera approvaw li jsiru żewġ bankini fi Triq Grunju fejn diga sar ir-resurfacing. Waħda mill-bankina għandha bżonn tinbidel peress li l-livelli tat-triq inbiddlu u l-bankina ġiet għolja u r-residenti huma anzjani u l-oħra fejn parti mill-bankini kienet tal-konkos u miksura kif ukoll parti mill-faċċata ma kellhiex bankina.

23. **Offerti.** Kien preżenti l-kuntrattur Joseph Mercieca. Kien hemm tliet offerti mitfuħa. Dawn kienu ta' Peter Paul Said bil-prezz ta' €40 qis ta' 6 metri kubu; Anglu Camilleri €52.50 - 6 metri kubu; Joseph Mercieca €42.32 - 7.30 metri kubu. L-offerta ta' Peter Paul Said ma kellhiex iċ-ċertifikat iffirmat minn perit jew inġinier kif kien mitlub fl-offerta. Il-Kunsill ta l-offerta lill Joseph Mercieca peress li din kienet l-aktar waħda vantaġjuza. Charles Said ma ħax sehem fid-diskussjoni sabiex ikun konfermi mal-liġi.

24. **Programm ta' Mayfair.** Il-Mayfair organizzat mill-Kunsill taż-Żgħażagħ tan-Nadur jibda nhar il-Gimgħa 6 ta' Mejju b'attivitajiet ma' l-iskola primarja tan-Nadur. Ser ikun hemm dawra bir-roti għall-studenti ta' Years 4; story telling għat-tfal żgħar u demonstration dwar road safety mit-Transport Malta fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Filgħaxija ser titella' siltiet mill-musical "Annie" mit-tfal tal-Years 3 u 6 fis-sala ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur, fl-istess ħin ser ikun hemm kotba għal bejgħ. Wara ser ikun hemm tombla b'risq id-Dar tal-Providenza fis-Sala tal-Paroċċa. Is-Sibt ser ikun hemm demonstration tat-tisjir minn Carmen Tedesco, stands mill-Waste Serve u għaqda tal-bollol, SPCA, bejgħ ta' kotba, entertainment lokali u is-Show "Puree" bis-sehem ta' l-Onor. Ministru Giovanna Debono, l-Onor. Segretarju Parlamentari Chris Said u s-Sindku tan-Nadur Miriam Portelli. Il-Ħadd ser ikun hemm wirja ta' karrozzi klassiċi Amerikani, wirja mill-Protezzjoni Ċivilli t'Għawdex u Book hunt.

25. **Attivitajiet ta' l-Imnarja 2011.** Għandha ssir laqgħa tas-Sotto Kumitat ta' l-Imnarja il-ġimgħa d-dieħla sabiex jiġu ppjanta l-attivitajiet inkonnessjoni mal-Kunsill Lokali Nadur.

26. **Karnival 2011.** Inġibed l-attenzjoni mingħand il-Kumpanija Medistar Malta dwar il-minuti No. 59 bid-data tal-15 ta' Frar 2011 fejn hemm miktub li l-kwotazzjoni tal-Medistar ma kienx fiha biżżejjed persuni (first aiders/nurses) għall-kwantita ta' nies li jkun hemm fil-Karnival. Huma ġibdu l-attenzjoni li l-ammont ta' persuni (7) ma kull ambulanza kienet għal din il-kwotazzjoni iżda huma għandhom aktar nies li jaħdmu magħhom.

27. **Affarijiet oħra.** Saret talba mir-resident ta' Triq Xandriku sabiex issir flushing tad-drenaġġ minħabba r-riħa tad-drenaġġ. Għandha ssir tiswija tal-bankina fi Pjazza San Pietru u San Pawl quddiem il-ħanut tat-Toti. Hemm bżonn ta' patching fi Triq it-Telegrafu. Jonathan Buttigieg staqsa dwar bozza li nqalgħet minn Triq Xjuf ir-Rih. Din il-bozza inqalgħet għaliex qed issir kostruzzjoni ta' bini ġdid. Il-Kunsill jista jitlob lil kuntrattur sabiex il-bozza teħel mad-dar tal-persuna li qed jilmenta jekk dan ma rridx jistenna sakemm il-bini ġdid jitlesta.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju fis-7:30 p.m.